


# OFM-LINK

ORDNI TAL-PATRIJIET MINURI - MALTA
PROVINĊJA FRANĠISKANA TA' SAN PAWL APPOSTLU
http://www.ofm.org.mt

NRU. 185 JAN 2013




Dan hu l-kwadru titulari tal-knisja tagħna ta' S. Marija ta' Ġesu, li tinsab il-Belt Valletta. Huwa ġie mpitter mill-isqalli Antonio Catalano ( 1560 - 1605c ) fl-1600, li poġġa wkoll l-awtografija tiegħu. Fih naraw lit-tfal : Ġesu' u Ġwanni l-Battista, flimkien mal-Madonna, S. Gużepp, S. Eliża-betta, S. Plaċidu (patrun ta' Palermo), S. Katerina ta' Lixandra, S. Luċija, S. Barbara u S. Agata. Il-figura ta' Missierna S. Franġisk tissuġġerixxi li l-kwadru sar għal xi knisja franġiskana, għaliex xi whud jaħsbu li huwa ma sarx eżattament għal knisja tagħna.



Mons. Silvestru Magro O.F.M.
Vigarju Appostoliku
ta' Benghazi,
nhar it-13 ta' Diċembru 2012
ingħata l-Midalja bħala
Uffiċjal tal-Ordni
Nazzjonali tal-Mertu
mingħand
il-President ta' Malta,
Dr. George Abela.

***Awguri***

>>>>>>> **ATTENZJONI**

**Fit-13 ta' Mejju se ssir laqgħa importanti għall-aħwa kollha fid-Dar tal-Irtiri Porziunkola. Hu nota .........**

# Il-fidi ta’ Missierna S. Franġisk (4)

## 2. Il-bidu u l-mixja tal-fidi f’ S. Franġisk (ii)

Huwa impossibbli li nagħrfu s-sigrieti ta’ din l-intimita’ u aktar hu diffiċli li nfissruha. Hawn għandna t-talba li talab Franġisku fuq La Verna: “O Mulej tiegħi Ġesu’ Kristu, nitolbok tagħtini żewġ grazzji qabel ma mmut: l-ewwel, li matul ħajti nħoss f’ ruħi u f’ ġismi, kemm hu possibbli, dawk it-tbatijiet li inti, o ħelu Ġesu’, ġarrabt fis-siegħa tal-passjoni l-aktar ħarxa tiegħek. It-tieni, li jiena nħoss f’ qalbi, kemm hu possibbli, dik l-imħabba tal-għaġeb li int, o Iben t’ Alla, kellek tkeb-bes f’ qalbek biex minn rajk issofri passjoni hekk kbira għalina midinbin” (Fior FSF I655) u l-*Admonitiones* (It-Twissijiet), li nkitbu fl-istess okkażjoni, jiftħulna l-bieb. Ħaġa hija ċerta: il-qawwa li biha l-fidi ħakmet il-qalb ta’ Franġisku. Din tidher aktar ġara f’ ħajjiet Franġisku. Imma qabelxejn ejjew niskopru xi whud minn dawn is-sigrieti billi niflu xi karatteristiki tal-fidi tiegħu.

## 3. Xi noti dwar din il-fidi ta’ Franġisku (i)

### a) Fidi kristoċentrika-teoċentrika

Il-fidi ta’ Franġisku hija fidi kristoċentrika. L-oġġett formali huwa Kristu, Kristu bħala l-Iben t’ Alla. Dan ma jfissirx li l-persuni l-oħra tas-Santissima Trinita’ huma barra mill-ħsieb tagħna, jew qegħdin fit-tieni pjan, imma Kristu bħala don tal-Missier (l-inkarnazzjoni) u bħala imħabba tal-Missier (il-passjoni) mhumiex biss bħala ċ-ċentru ta’ qalbu, imma ukoll id-dawl li jdawwal u l-qawwa emotiva li biha jgħex il-misteru t’ Alla, tal-kreaturi u tal-ġrajjiet. Wara li nippruvaw nifhmu b’ mod ġenerali lil Alla, Kristu ma jieħux it-tieni post imma fil-persuna ta’ Kristu - bil-qalb u fil-qalb ta’ Kristu - li Franġisku għex il-misteru t’ Alla.



Meta S. Bonaventura tkellem fuq l-imħabba li Franġisku kellu lejn Alla, kiteb hekk : ‘*Min jista’ jgħid biżżejjed* dwar l-imħabba mħeġġa li Franġisku, *il-Ħabib tal-Għarus* kellu taqbad ġo fih? Kien qiesu ġamra tan-nar imqabbda, u deher bħal mitluf fil-ħuġġieġa tal-imħabba di-vina’ (LM 9, 1 {FSF 1218} ). Din l-imħabba tidher b’ mod ċar fil-kitbiet ta’ Franġisku, speċjalment fil-kapitlu 23 tar-*Regola mhux bul-lata*, fil-*Għanja tal-Ħlejjaq*, fit-*Tifħir lil Alla l-għoli*, fit-*Tifħir għas-sigħat tal-Uffiċċju Divin*, fil-*Parafrasi tal-Missierna* u fl-*Uffiċċju tal-Passjoni tal-Mulej*. It-timbru teoċentriku tal-kitbiet tiegħu huwa tant ċar li diffiċli tgħid jekk l-attitudini ta’ qalbu hijiex kristoċentrika jew teoċentrika. Quddiem l-importanza li kellu l-Kurċifiss fil-konverzjoni tiegħu, tajjeb li ngħidu li huwa kellu ‘esperjenza t’ Alla fi Kristu’. Imma nistgħu ngħidu wkoll li l-kuntrarju ta’ dan huwa tajjeb: ‘l-esperjenza ta’ Kristu f’ Alla’. Fil-fatt Franġisku ħabb b’ imħabba ta’ ġenn lil Ġesu’ għaliex huwa d-don tal-Missier u ’ l-Iben t’ Alla l-ħaj u li jista’ kollox’ (RegNB 9, 4 {FSF168} ; 2C 165 {FSF 879} ).

### b) Fidi personali

Bħal S. Pawl, Franġisku seta’ jgħid: “Għax il-Lhud jitolbu s-sinjali, u l-Griegi jfittxu l-għerf, imma aħna nxandru Messija msallab” (1Kor 1, 22). Għalih ma kienx hemm bżonn rivoluzzjonijiet biex inbidlu d-dinja (sinjali) jew ideoloġiji biex tifhem l-univers (filosofji). Huwa jinteressah il-persuna, il-bniedem, Kristu. Franġisku jsib postu fid-djalogu bejn persuna u oħra.

Din il-posizzjoni għandha żewġ konsegwenzi: l-ewwel, ħajtu jsib ruħha fil-qasam tal-imħabba. Mhijiex missjoni appostolika u lanqas problema ta' salvazzjoni jew morali perfezzjonali. L-imħabba hija l-forma tagħha. Wara li l-Kurċifiss kellem lil Franġisku f' San Damjan, il-Mulej mhux magħruf li kien kellmu fi Spoleto sar 'il-Maħbub tiegħu'. Din hija l-ewwel darba li Celano juża din il-frażi, biex juri li bejn Franġisku u s-Sinjur tiegħu bdiet relazzjoni ġdida (ara 2C11 {FSF 733}).



Minn hawn nistgħu nifhmu l-importanza tal-affettivita', tas-simpatija, tal-kompassjoni, tad-*dilectio* fl-ispiritwalita' franġiskana. Minn hawn ukoll wieħed jista' jifhem l-importanza tal-mumenti l-aktar drammatiċi li seħħew fil-ħajja ta' Kristu, li Franġisku tant kien jaħseb fuqhom għaliex dawn jqanqlu aktar emotivita'. Minn hawn kibret l-akbar xewqa ta' Franġisku li jsir bħal Maħbub tiegħu, kif nafu min dak li ġara fuq La Verna: 'Meta l-imħabba vera ta' Kristu *kienet bidlet fl-istess xbieha* lill-maħbub' (2C 135 {FSF 850}). Minn hawn nistgħu nifhmu wkoll l-inklinazzjoni li Franġisku kellu għall-ħajja kontemplativa u għall-fatt li fl-Ordni jista' ikun hemm xi forom ta' ħajja kontemplativa eż. bħal dik tal-Klarissi.

It-tieni konsegwenza. Mhumiex l-idejat li jqanqlu lil Franġisku, imma l-eżempji t' ulied Alla. Il-ħajja konkreta ta' Ġesu': il-ġesti tiegħu, l-attitudnijiet tiegħu, il-passi tiegħu, l-umilta' tiegħu, il-faqar tiegħu, l-ubbidjenza tiegħu…... ħajtu kellha dan l-iskop jikkopja, jirrepeti l-ġesti ta' Ġesu', jimxi fuq il-passi tiegħu ……sakemm wasal għad-destinazzjoni: il-martirju. Fil-fatt l-imħabba jsir ħajja fil-forma awtentika tagħha propju fl-għemejjel u mhux fil-kliem jew fl-idejat.

### c) Fidi b' impenn

Franġisku kien rett fil-koerenza bejn il-ħajja u l-fidi. Kien dejjem jifhem li l-fidi trid tidher fl-opri. Naraw kif kien jgħex din il-koerenza. Frażijiet bħal 'aktar bl-eżempju milli bil-kliem' (Adm 7, 4 {FSF 7} ; EpOrd 9 {FSF 56}) jew "il-qima qaddisa" (RegB 10,8 {FSF 155}) huma komuni ħafna fil-kitbiet tiegħu (ara Adm 6, 3 {FSF 6} ; RegNB 17, 12 {FSF 176}; EpFid II 53 {FSF 49} u *passim*). L-istess ħsieb juruh il-biojgrafi tiegħu (ara 1C 15 {FSF 233}; 2C 22 {FSF 771}; CA 74 {FSF 674} u *passim*).

*ikompli fil-ħarġa li jmiss*

---



F'dan ir-ritratt jidher P. Walter Vassallo qiegħed fil-kappella flimkien ma' sħabu l-patrijiet li jiffurmaw parti mill-fraternita B. Gabriele Allegra fis-sede tal-*Collegio Internazionale S. Antonio* f' Ruma.

12

## Bernardo di Vigliante ( + 1250)



It-tagħrif fuq Fra Bernardo da Vigilante huwa ftit. Dwar il-familja tiegħu nafu xi ħaġa mill-arkivji t' Assisi. L-istorja tgħidilna li 'mill-familja ta' de Vigliante t' Assisi twieled il-B. Bernardo. Fuq l-eżempju ta' xi sinjuri li kienu jgħexu f' Assisi, issieħeb ma' Franġisku u fis-sena 1209 libes it-tonka franġiskana. Kien l-għaxar wieħed mill-ewwel tnax li kellu Franġisku ( L. Iacobilli, Vite, tomo II, p. 626).

Fra Bernardo, iben denn ta' Franġisku, jitqies bħala il Gob tal-ewwel generazzjoni franġiskana. Kien bniedem perfett fil-virtu. Kien attent ħafna fuq il-ħidmiet tiegħu, fuq saħħtu u fuq saħħiet l-oħrajn. Attent ukoll fil-vġilijiet tal-festi, fis-sawm, fit-talb u fl-imitazzjoni ta' Missieru Franġisku fil-virtuijiet kollha. Baqa' tant magħruf għall-paċenzja li kellu (L. Iacobelli, cit., p. 627). Huwa għex flimkien ma' Franġisku kemm f' Rivotorto u wara wkoll fil-Porziuncola. Imbgħad fl-1219 mar fl-orjent, flimkien ma' Franġisku u sħabu, biex jipprietka u ħalla ħafna frott fost in-nies. Meta ġie lura, mar joqgħod fil-Porzjunkola, fejn miet fil-11 ta' Ġunju 1250. Baqa' magħruf għall-ħajja qaddisa tiegħu u għall-mirakli. Jingħad li ġismu indifen fil-kappella ta' S. Marija tal-Anġli.

Fil-katalogu tal-Beati Franġiskani hemm miktub : 'Il-Beatu Bernardo di Vigliante, sieħeb Missierna S. Franġisk, huwa midfun fil-knisja ta' S. Marija tal-Anġli ħdejn Assisi'.

## Giovanni di Costanzo

Fuq Giovanni di S. Costanzo ftit li nafu. Xi whud jaħsbu li kien l-ewwel patri li twieled fil-pjanura t' Assisi, anzi viċin l-Porziuncola. L-istoriku P. Luciano Canonici O.F.M. jgħid li ' twieled ħdejn il -post, fejn skond it-tradizzjoni, għamlu għal martri S. Costanzo, l-ewwel isqof ta' Perugia fi żmien l-imperatur Antonino. Il-post kien bejn Bastia u S. Marija tal-Anġli, fit-territorju wiesa', li fl-antik, kien jisejjaħ Porziuncola' ( *Francesco d' Assisi*, p. 50).

Giovanni kien minn tal-ewwel tnax id-dixxiplu ta' Franġisku u kien jimitah fil-virtuijiet kollha imma speċjalment f' dik tal-umilta'. Kien bniedem ta' sempliċita kbira u kien jħobb jitlob u jikontempla. Giacomo Oddi fil-*Franceschina*, II, p. 73 jgħid li 'dan il-bniedem t' Alla kien maħbub ħafna minn Franġisku minħabba l-umilta' u l-eżempji li kien jagħti. Miet fl-akbar qdusija. Jingħad li ġie midfun fis-*Sacro Convento* ta' S. Franġisk, imma jiena mhijiex ċert minn dan'.

*La Chronica XXIV Generalium* tgħid li ġie midfun fis-*Sacro Convento*. Bartolomeo da Pisa fi *De confirmitate* jgħid li ma jafx fejn ġie midfun. Mariano da Firenze fil-*Compendium* jgħid li ġie midfun f' S. Marija tal-Anġli.

**Ara n-nota fl-ewwel ħajja ta' S. Franġisk miktuba minn Celano Kapitlu XII, 31 (FSF 228).**

---

**"Fiż-żminijiet tagħna t-triq għal qdusija u l-fidi, titlob l-azzjoni fost ħutna"**

**Dag Hammarskjold (1905-1961), Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Maqgħuda**



## Intervista ma' P. Thaddeo Matura O.F.M.

### Studjuz franċiz tal-franġiskaneżimu u tal-medjevu

**N. B.** Dan l-aħħar P. Thaddeo għalaq 90 sena. Huwa kiteb bosta kotba ta' spiritwalita franġiskana, li ġew tradotti f' bosta lingwi. Bħalissa qed jagħmel parti mill-fraternita ta' Avignon fi Franza.

**Padre Thaddéo, chi è san Francesco per la gente?**

Senza dubbio è un personaggio sempre molto popolare, specialmente presso i giovani e questa sua popolarità è andata estendendosi anche su scala internazionale grazie all'incontro di preghiera per la pace tra i capi di tutte le religioni del mondo, che si è svolto ad Assisi nel 1986.

Ma che cosa significa questa popolarità presso la gente? Siamo soliti costatare che ci sono varie immagini di Francesco presso le persone, a volte anche molto contrastanti tra loro. Forse la prima che si presenta al pubblico credo sia in genere quella un po' romantica, cioè san Francesco e il lupo, san Francesco e la poesia, san Francesco e la predica agli uccelli…

Senza dubbio sono tutte immagini molto suggestive e valide, ma anche un poco superficiali. Abbiamo inoltre un altro aspetto del Santo sul quale insistono gli studiosi, che unisce Francesco ad una specie di figura sociale, non nel senso che lui fosse un formatore sociale, ma che la sua missione avesse un significato profondo all'interno della storia del suo tempo. La popolarità di san Francesco è il segno che la sua testimonianza ancora affascina e seduce. Ma per cogliere in pienezza il suo messaggio, occorre spingersi oltre i parametri e gli elementi superficiali che fanno parte della sua immagine.

**Secondo lei, è ancora possibile vivere in pienezza il carisma francescano?**

Sì, certamente! Il vero carisma francescano è la volontà di tornare al vangelo di Cristo, al suo solido spessore. A riguardo occorrerebbe avere la capacità di scostarsi da un vago romanticismo, e non mi riferisco a quello dell'Ottocento… quando oggi si insiste sull'aspetto radicale di san Francesco nella sua sequela al Vangelo, si pensa quasi sempre ad alcuni aspetti importanti che il Santo ha vissuto insieme alla sua primitiva fraternità, i quali appaiono oggi impossibili, come per esempio l'aspetto della povertà nelle modalità in cui lui l'ha vissuta.

Oggi a mio parere non è più possibile vivere così, se non forse in modo nostalgico o addirittura a-storico. Penso che se andiamo a fondo nell'esperienza della Rivelazione contenuta nel vangelo, la quale si identifica nel dono gratuito e primario dell'amore di Dio per l'uomo, nella vita nuova, nell'amore profondo verso ogni cosa, incontriamo una forma di povertà che è la morte a noi stessi, verso la quale deve tendere specialmente chi ha scelto i consigli evangelici, poiché essa darà poi il via a molte altre forme di povertà, traducibili nel nostro tempo.

**Crede che i milioni di pellegrini che ogni anno giungono ad Assisi riescano a cogliere la ricchezza del messaggio francescano?**

La gente che giunge ad Assisi è toccata sempre da una specie di grazia. San Francesco infatti, pur non essendo "popolare" come sant'Antonio di Padova, è un Santo che affascina in modo del tutto particolare. Tocca poi a noi, dopo questo primo impatto positivo, aiutare le persone ad andare oltre gli elementi più superficiali ed immediati, per scoprire il volto autentico del Poverello.

**Qual è la proposte più significativa che il francescanesimo può rivolgere al mondo di oggi?**

Prima di tutto, come fece san Francesco, recuperare il senso profondo della fraternità verso ogni uomo e considerare l'altro altrettanto importante come se stessi. L'altro è sempre un fratello, perché per Francesco non esistono nemici. Se qualcuno ci irrita o ci procura del male, bisogna comunque esercitare quell'amore profondo che può cambiargli il cuore. È un dono che viene da Dio, ma è anche un impegno affidato alla nostra buona volontà.

**Cosa vorrebbe domandare a Francesco, se il Santo fosse ancora in vita?**

Gli domanderei come fare ad entrare in una esperienza spirituale profonda; come liberar arsi dalle zavorre dell'egoismo e della chiusura, per imparare a crescere nell'amore ai fratelli, nella libertà di chi ha incontrato il volto di Dio. Penso che Francesco avrebbe delle risposte molto precise e convincenti da darmi…

---

# Il-kotba li kiteb P. Ivo Tonna O.F.M.










*Doctrina Bonaventurae de entis individuatione, pars dissertationis*, Romae, 1982

Lineamenti di filosofia francescana, Edizzjoni Tau, Roma 1992.

Outlines of Franciscan Phiosophy, (traduzzjoni tal-ktieb ta' qabel), Edizzjoni Tau, Malta 2008

---

# Il-kotba li kiteb P. Ġużepp Vella O.F.M.

Il-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor  Tagħrif storiku, Rabat , 1993

Devozzjonijiet u talb f'ġieħ Sidtna Marija tal-Qalb ta' Ġesu' meqjuma fis-santwarju tagħha tas-Sliema, Malta, 1991.

Profili Franġiskani Slimiżi, *pro manuscripto*, Malta, 2003

Co-awtur ma' P. Ġorġ Aquilina O.F.M. u s-Sur W. Zammit - Tifkira tal-ġrajjiet ewlenin f' tas-Sliema, Sliema, 2006

# THE FRANCISCAN STORY

In the winter of 1206/07 Francis of Bernardone, a young man of Assisi, renounces publically his own earthly father to belong solely to God. He abandons his band of friends to be with the lepers, the derelicts and outcasts of society. He spends the following two years as a beggar, hermit and restorer of three run-down churches in the precincts of Assisi: Saint Damian's, Saint Peter's and Our Lady of the Porziuncola. His lifestyle quickly attracts two of his fellow citizens: the rich Bernard of Quintavalle and the canon lawyer, Peter Catani. After a short while another nine men join the group. Twelve penitents and pilgrims, without a home or fixed abode. At the beginning Francis formulates a brief Rule, setting down some guiding norms approved orally by Pope Innocent III; later he writes the Rule of the Order of the Friars Minor which is confirmed by Papal Bull of Pope Honorius III on 29 November 1223.

The eighteen-year old Clare, a lady of noble birth, is also attracted by Francis' example. On Palm Sunday 1212 she flees the family household to the Porziuncola. Here Francis cuts her hair as a sign of her consecration. Clare is followed as well by many other sisters and founds a convent at the church of Saint Damian. In 1218/19 this new group of consecrated virgins receive papal approval to live the life of poverty in a cloister. The Second Order of St. Francis is born, which he calls the Order of the *Poor Ladies.*

Between 1210 and 1221 the work of St. Francis develops hugely and he sends his companions along all of the streets of the world to preach Christ, poor humble and crucified and bring to all reconciliation and peace.

In 1221 near Florence the merchant Lucchesio and his wife Buonadonna fascinated by the lifestyle of Francis, ask to be able to live the life of the Friars Minor whilst remaining in their status as husband and wife. Thus the *Secular Franciscan Order* is born.

The kernel of Franciscanism lies in living the Gospel in the Church according to the model proposed and followed by St. Francis of Assisi and to proclaim it to every creature.

The Franciscan Order has passed through a profound restructuring. Internally three tendencies have formed which have given life to three legally independent branches, though with the same Rule. The three branches have each their own government and structures: The Friars Minor, the Friars Minor (Conventuals), The Friars Minor (Capuchins) These three families have developed through the centuries like branches of one great tree, with many works, missions and martyrs. The long line of saints and those beatified within the three branches bears witness to this.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++



Fra Ramon Farrugia O.F.M.
qed jaqra waqt il-quddiesa
tas-solennita
ta' S. Franġisk,
li ġiet iċċelebrata
fil-knisja ta' *S. Maria Mediatrice*
tal-Kurja Generalizja tal-Ordni

# S. Bonaventure

Fis-16 ta' Lulju 2012, qabel ma talab it-talba tal-Angelus, il-Papa Benedittu XVI, mit-tieqa tal-Palazz Appostoliku ta' Castel Gandolfo, qal :

Dear brothers and sisters!




On the liturgical calendar, July 15 is the memorial of St. Bonaventure of Bagnoregio, Franciscan, doctor of the Church, and successor to St. Francis of Assisi in the leadership of the Order of Friars Minor. He wrote the first official biography of the Little Poor Man (*Poverello*), and at the end of his life he was also the bishop of this Diocese of Albano. In one of his letters Bonaventure wrote: "I confess before God that what made me love the life of blessed Francis the most was that it reflected the beginnings and growth of the Church (*Epistula de tribus quaestionibus*, in *Opere di San Bonaventura. Introduzione generale*, Roma 1990, p. 29). These words immediately send us back to today's Gospel, of this Sunday, that presents us with Jesus' first sending of the 12 Apostles on mission. "Jesus called the 12 to himself," writes St. Mark, "and sent them out two by two … and he instructed them to take nothing for the journey but a staff – no food, no sack, no money in their belts. They were, however, to wear sandals but not a second tunic" (Mark 6:7-9). Francis of Assisi, after his conversion, practiced this Gospel to the letter, becoming a most faithful witness to Jesus; and associated in a singular way with the mystery of the cross, he was transformed into "another Jesus," as Bonaventure, in fact, presents him.

At the inspirational centre of St. Bonaventure's life and theology is Jesus Christ. We find this centrality of Christ in the second reading of today's Mass (Ephesians 1:3-14), the celebrated hymn of St. Paul to the Ephesians, which begins thus: "Blessed be God the Father of our Lord Jesus, who has blessed us with every spiritual benediction in heaven in Christ." In four passages that each begin with the phrase "in him," referring to Jesus Christ, the Apostle then shows how this plan of blessing is realized. "In him" the Father has chosen us before the creation of the world; "in him" we have redemption through his blood; "in him" we have become heirs, predestined to be "the praise of his glory"; "in him" those who believe in the Gospel receive the seal of the Holy Spirit. This hymn of St. Paul contains the vision of history that St. Bonaventure helped to spread in the Church: all of history has Christ as its center, Christ, who also guarantees newness and renewal in every age. In Jesus, God has said and given everything, but since he is an inexhaustible treasure, the Holy Spirit never ceases to reveal and actualize his mystery. Hence the work of Christ and of the Church never regresses but always progresses.

Dear friends, let us invoke Mary Most Holy – who tomorrow we celebrate as the Virgin of Mount Carmel – that she might help us, with St. Francis and St. Bonaventure, to respond generously to the Lord's call, to announce his Gospel of salvation with words and, above all else, with our life.

It-traduzzjoni mit-Taljan hija ta' Joseph G. Trabbic għall-agenzija kattolika *Zenit – the world seen from Rome.*

# 1263 - 750 sena ilu



Is-sena 1263 għall-Ordni Franġiskan kienet sena importanti. Dan għaliex - 750 sena ilu - ġie ċċelebrat il-Kapitlu Ġenerali ġewwa Pisa. Kien il-Ministru Ġeneral - S. Bonaventura da Bagnoregio (1217-1274) - li ssejjaħlu. Matul il-ġeneralat tiegħu li dam mill-1257 sal-1274 - i.e. sal-mewt tiegħu, li seħħet fl-14 ta' Lulju 1274 f' Lyon, Franza, huwa sejjaħ mill-inqas sitta. Tnejn minhom ġew ċċelebrati ġewwa Pisa - fl-1263 u fl-1272.

Punt importanti li ġara f'dan il-Kapitlu kien li S. Bonaventura ippreżenta l-*Legenda Maior Sancti Francisci.* Tlett snin qabel, i.e. fil-Kapitlu Ġenerali ta' Narbonne (1260), huwa ġie mitlub biex jikteb ħajja ġdida u uffiċjali ta' S. Franġisk, għax wara l-ħajjiet ta' Tumas minn Celano u Giljan ta' Spira kienu dehru ħafna kitbiet oħrajn li mhux dejjem kienu fidili għall-verita storika.




Il-*Legenda Maior Sancti Francisci* ġiet ippreżentata fi 34 kopji suf-fiċjenti għall-provinċji kollha tal-Ordni, flimkien mal-forma mqassra tagħha, *Leggenda Minor*, għall-użu fil-kor waqt l-ottava tal-festa ta' S. Franġisk. Nistgħu ngħidu li Bonaventura ħa ħsieb li jitkellem mal-aħwa ta' S. Franġisk, li kienu għadhom ħajjin, fosthom fra Egidio u fra Illuminato u qara sew il-leġġendi li kienu diġa jeżistu. Hija bi-jografija ta' valur storiku, imma fuq kollox huwa trattat mistiku dwar il-ħajja u l-kariżma ta' Franġisku. Il-legenda tibda bi prologu li hu uniku fl-istil u fil-kontenut tiegħu fost il-fonti franġiskani u wara ssegwu: 4 kapitli jitkellmu b'mod storiku, il-kapitli 5 sa 13 jitkellmu dwar bosta virtuijiet ta' Franġisku, kapitli 14 u 15 jkomplu b' natura storika. Fl-aħħar tagħlaq b'sensiela ta' mirakli li saru bl-interċessjoni ta' S. Franġisk. Għal aktar informazzjoni ara **Vol. 2 – *Fonti għall-ħajja ta' S. Franġisk t'Assisi*, Edizzjoni Tau, 2005** - Introduzzjoni miktuba minn P. Noel Muscat O.F.M. p.3-8.

Interessanti huwa l-fatt li l-affreski, li hemm fil-Bażilika Superjuri ta' S. Franġisk li hemm fil-belt ta' Assisi, huma sspirati minn din il-legenda.

L-istorja tkompli tgħidilna li fil-Kapitlu ġenerali ta' Parigi, li sar fl-1226 din il-*Legenda* ġiet iddik-jarta bħala l-biografija uffiċjali ta' S.Franġisk. Fl-istess waqt il-kapitlu ordna li l-biografiji kollha li kienu diġa jeżistu kellhom 'jiħassru'. Il-fatt huwa li xi leġġendi baqgħu moħbijin għal bosta sekli u nstabu, għall-grazzja t'Alla, tant snin wara.

F' dan il-kapitlu ġie deċiż ukoll li l-Ordni tagħna kellu jibda jiċċelebra kull sena il-festi tat-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija, iż-Żjara tagħha lil Santa Elizabetta u l-festa ta' S. Marta. B'hekk l-Ordni tagħna antiċipa dak li kellha 'il quddiem tagħmel il-Knisja b'mod universali.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## >>>>>>>> Żur dawn il-*websites*

**hhtp://www. ivokofm.org** **hhtp://www.comalt.i-tau.org**







| L-età | 20+ | 30+ | 40+ | 50+ | 60+ | 70+ | 80+ | 90+ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' patrijiet | x | 5 | 9 | 23 | 9 | 7 | 5 | 3 | 61 |

# Nitolbu għal aktar vokazzjonijiet

# AĦBARIJIET MILL-PROVINĊJA TAGĦNA

Fit-2 ta' Diċembru Mons. Pawl Cremona O.P., Arċisqof ta' Malta, ta s-sagrament tal-Konfermazzjoni lil 18 iż-żagħażgħ fil-parroċċa tagħna ta' Tas-Sliema. Din kienet l-ewwel darba li ċċelebra dan is-sagrament fil-knisja tagħna min mindu laħaq Arċisqof.

Fis-7 ta' Diċembru P. Christopher Farrugia fakkar il-25 sena anniversarju saċerdotali tiegħu b'quddiesa konċelebrata fil-knisja tagħna tal-Ħamrun. *Awguri !!*

Fit-8 ta' Diċembru l-Provinċjal beda żjara lill-aħwa li qegħdin Londra u Ruma.

Fit-13 ta' Diċembru, Jum ir-Repubblika, Mons. Silvestru Magro O.F.M. irċieva mingħand il-President ta' Malta, Dr. George Abela, il-midalja bħala uffiċjal tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu. Preżenti kien hemm P. Richard Stanley Grech, Vigarju Provinċjali u ħutu. Dan sar bħala apprezzament talli huwa, minkejja tant diffikultajiet kbar, baqa' mal-patrijiet u s-sorijiet fil-Libja, fil-jiem tal-aħħar rivoluzzjoni fil-Libja. *Awguri* !! Mons. Silvestru, fl-2002, kien ingħata l-unur *The Cross of the Equestrian Order of Merit of the Republic of Poland*. Infakkru li P. Djonisju Mintoff kien ha l-midalja tal-Qadi tar-Repubblika fit-13 ta' Diċembru 2006.

Fis-16 ta' Diċembru l-Provinċjal ha sehem fil-konċelebrazzjoni li saret fil-Kon-Katidral ta' S. Gwann, il-Belt Valletta, fl-okkażjoni tat-tmiem il-missjoni f' Malta ta' Mons. T. Caputo, bħala Nunzju Apostoliku għal Malta u l-Libja. Bejn it-13 u l-14 tax-xahar in-Nunzju għamel żjara fi Tripli biex, flimkien mal-komunita nisranija, jirringrazzja lil Alla għal missjoni li wettaq hemm ukoll. Filwaqt li nawgurawlu kull ġid, ngħidulu grazzi mill-qalb, għaliex kemm dam f' pajjiżna kellu relazzjoni tajba ħafna mal-Provinċja tagħna.

Il-jiem tal-Milied, bħas-soltu, kienu jiem li fihom l-aħwa kollha taw is-sehem tagħhom fiċ-ċelebrazzjonijiet fil-knisja kif ukoll fit-tizjin tal-knisja u tal-kunventi. Grazzi mill-qalb!!!

Fil-21 ta' Diċembru fil-Berġa ta' Kastilja ngħataw il-premijiet fl-okkażjoni tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Fost l-oħrajn, il-ktieb ta' P. Gorg Aqulina (R.I.P.) - *Il-Franġiskani Maltin 1482c - 1965c* rebaħ is-sezzjoni tar-'Riċerka Ġenerali bil-Malti jew b' Lingwa oħra'. Ha l-premju minn idejn il-Prim Ministru ta' Malta, Dr. Lawrence Gonzi, f' isem il-provincja, P. Walter Vassallo, li kien Malta għall-btajjel. P. Norbert Ellul Vincenti kien wieħed mill-ġurati fis-sezzjoni 'Traduzzjoni'.



F'dan ir-ritratt jidher P. Joseph Ciappara, li qiegħed jikkonċelebra f'quddiesa ġewwa Gerusalemm. Bħalissa P. Joseph qiegħed l-Art Imqaddsa biex jispeċjalizza fil-Kotba Imqaddsa.

## FESTI — FRAR 2013 — BIRTHDAYS

**FESTI**

07. P. Richard Grech Stanley
10. P. Pawl Galea
    P. Paul Attard

**BIRTHDAYS**

07. P. Alfred Tabone
12. Fra Aaron Abdilla
14. Mons. S. Magro
    P. Joseph Ciappara
27. P. Pawl Galea

*Xewqat qaddisa !!!!!!*

# Xi kotba li kiteb P. Ġorġ Aquilina O.F.M.










## WERREJ


| | |
|---|---|
| Il-fidi ta' M. S. Franġisk (4) | 2 - 3 |
| Bernardo u Giovanni | 4 |
| Intervista ma' P. Thadee | 5 - 6 |
| The Franciscan story | 7 |
| *St. Bonaventure* | 8 |
| X' joffri l-kunvent | 10 |
| Aħbarijiet mill-Provinċja | 11 |


## OFM - LINK


L-Editur
P. Alexander Borg O.F.M.
Patrijiet Franġiskani
Triq Dun Pawl Vella
Tas-Sliema SLM 3200
Tel. 21 33 11 83
E-mail : fralex@maltanet.mt

Għall-aħħar aggornamenti
http://ofm.org.mt
Grazzi lil P. Joseph Magro O.F.M.